KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 61 – IT-TNEJN 17 TA' LULJU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**61.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

61.1.1 Ittra elettronika mibgħuta mill-Kunsillier Godwin Catania biex jiġi skużat mis-seduta minħabba mpenji ta' safar. Il-Kunsill approva *nem con*.

**61.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

61.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (60) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

61.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 61.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

61.3.1 Ma kienx hemm.

## 61.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

61.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa

## 61.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

61.5.1 Ma kienx hemm.

## 61.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

61.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-6 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (06 June - 12 July 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 173 | 06/06/2023 | Ilment rigward *double yellow lines* faded fi Triq G. Mamo. Residenti ma jkunux jistgħu joħorġu mil-garage | Settled | 34, Triq Ġ. Mamo | **Council** |
| 174 | 08/06/2023 | Ilment rigward skart mitfugħ fit-tarf ta' fuq tat-triq kif ukoll ħaxix ħażin | Pending | Triq Erin. S. Inglott | **Cleansing** |
| 175 | 08/06/2023 | Ilment dwar bozza fuq arblu maqtugħa fi Triq Għargħur ħdejn il-Bungalow li qegħda tinbena. (wara l-arblu hemm xibka safra) | Pending | Triq Gharghur | **Enemalta Rapport 303822107** |
| 176 | 08/06/2023 | Ilment rigward bozza maqtugħa fi Triq E. S. Inglott | email sent 21/06/2023 | Triq Erin. S. Inglott | **Enemalta** |
| 177 | 08/06/2023 | *Reinstatement* of old trenching infront of 91 Triq il-Klin. | Settled | 91, Triq il-Klin | **Council** |
| 178 | 09/06/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix u jsir knis fi Triq D. Cachia | Pending | Triq D Cachia | **Cleansing** |
| 179 | 09/06/2023 | Tiġieġa mejta fi Sqaq Anton M Caruana quddiem ir-residenza 'Summerbreeze' | settled | Sqaq Anton M Caruana | **Cleansing** |
| 180 | 08/06/2023 | Ilment dwar rimi ta' radam fl-għalqa fi Triq Ġużè Galea | closed - approved by permit PA 5560/17 | Triq Guze' Galea | **Planning - Enf.** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 181 | 12/06/2023 | Talba biex titnaddaf it-triq | Pending | Triq in-Namur | **Cleansing** |
| 182 | 06/06/2023 | Ilment rigward tabella faded fi Triq Ġ. Mamo | Pending | 34, Triq G. Mamo | **Council** |
| 183 | 10/06/2023 | Talba biex tinkines daħla ta' garaxxijiet fi Triq Dun Karm | Settled | Triq Dun Karm | **Cleansing** |
| 184 | 13/6/2023 | Tabella tal-one way mdawwar fid-direzzjoni ħażina quddiem ħanut Triq Dun Karm c/w Triq G Abos | Settled | Triq Dun Karm c/w Triq G Abos | **Council** |
| 185 | 15/6/2023 | Talba biex jinqata l-ħaxix u jsir knis fi Triq A. Gerada | Settled | Triq A Gerada | **Cleansing** |
| 187 | 15/6/2023 | Talba biex jinqata l-ħaxix u jsir knis fit-Telgħa tal-Għaqba | Pending | Telgħa tal-Għaqba | **Cleansing** |
| 188 | 16/06/2023 | Fi Triq Ġużè Galea qed jitpoġġew affarijiet biex iżommu l-parking bays | Closed | Triq Ġużè Galea | **Council** |
| 189 | 17/06/2023 | To make a spotcheck re : Residents Parking Signs in Triq G Abos re arrows | Pending | Triq G Abos | **Council** |
| 190 | 17/06/2023 | Tappiera fi Triq G Abos difettuża quddiem 44 | sent email | Triq G Abos | **WSC** |
| 191 | 16/06/2023 | Talba biex isiru 'double yellow lines' mal-ġnub tal-garaxx fi Triq E.S. Inglott | Settled | Triq E.S Inglott | **Council** |
| 192 | 19/06/2023 | Talba biex jinqata' l-ħaxix u jsir knis fi triq A. M. Galea u l-madwar | Pending | Triq Alfons Maria Galea | **Cleansing** |
| 193 | 19/06/2023 | Talba biex jinġabar żibel li ntrema ħdejn garage u tindif ta' ammont kbir | Pending | | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | ta' ħmieġ tal-klieb | | | |
| 194 | 19/06/2023 | Ilment dwar irwejjaħ u li qegħdin jaħdmu bil-lejl ukoll Bitmac ltd | Pending | Triq Żebbuġa | **Council** |
| 195 | 20/06/2023 | Trakkijiet fi Triq G. Locano ħammġu triq kollha sa isfel ma' Triq il-Wied | Pending | Triq Giorgio Locano | **Council** |
| 196 | 20/06/2023 | Fi Triq il-Wied, ir-Razzet L-Aħmar qegħdin jipparkjaw ħażin ħafna biex iniżżlu t-turisti fil-liwja eżatt. | Pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 197 | 20/06/2023 | Rapport ta' borża sewda mhux miġbura | Settled | 2, Triq G. Pesci | **Council** |
| 198 | 20/06/2023 | Rapport ta' boroż suwed (CMD for 15days) mhux miġbura. | Pending | Triq S. Erardi c/w Ġ. Curmi | **Council** |
| 199 | 21/06/2023 | Rapport ta' boroż x 6 suwed mhux miġbura | settled | Triq G. Locano | **Council** |
| 200 | 21/06/2023 | Rapport ta' borza sewda mhux miġbura | settled | 12, St. Joseph Triq ic-Citru | **Council** |
| 201 | 21/06/2023 | Rapport ta' boroz suwed mhux miġbura. | settled | Triq S. Erardi c/w G. Curmi | **Council** |
| 202 | 22/06/2023 | Rapport ta' boroz suwed mhux migbura. | settled | No 8 Triq il-Harruba | **Council** |
| 203 | 22/06/2023 | Talba biex titranġa bankina fi Triq G. Abos ħdejn Link it stationery. Anzjana ta' 87 sena waqgħet u weġġħet l-irkopptejn. | Pending | Triq G. Abos | **Council** |
| 204 | 22/6/2023 | Resident talab biex nitkellmu ma' l-Aġenizja LESA biex jiġu | Sent | Triq D Cachia | **Aġenzija LESA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | aktar fit-Triq D Cachia minħabba li vetturi u vannijiet mhux residenzjali qed jipparkjaw fit-triq. | | | |
| 205 | 26/06/2023 | Ilment rigward inġenji għaddejin minn Triq G. Locano l-ħin kollu, jibdew minn kmieni ħafna 6.15am | pending | Triq G. Locano | **Called BCA spoke to Ms Abigial Muscat on 80049000** |
| 206 | 26/06/2023 | Ilment dwar ħmieġ u knaten maqlugħin fi pjazza Ninu Cremona | closed | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 207 | 26/06/2023 | Fi Triq K. Vassallo hemm parking bays kbar li jistgħu jiġu iżgħar u jidħol parking bay ieħor | Pending | Triq K. Vassallo | **Council** |
| 208 | 26/06/2023 | Tissuġġerixxi li fil-pjazza jsir parking project | closed | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 209 | 26/06/2023 | Resident minn Triq Anton Buttigieg qed jirraporta li s-Sibt filgħaxija resident li joqgħod fl-istess blokka tiegħu ħareġ ħafna boroż suwed fuq il-bankina.  Biex nieħdu passi | Closed | Triq Anton Buttigieg | **Council** |
| 210 | 28/06/2023 | Ilment rigward organic waste mhux miġbur | Settled | 12, Triq il-Prinjol | **Waste collection** |
| 211 | 28/06/2023 | Ilment rigward organic waste mhux migġbur | Settled | Triq 5, Triq il-Klin | **Waste collection** |
| 212 | 30/06/2023 | Ilment li Triq GE Mercer u Pjazza N Cremona ilhom ma' jitnaddfu. | Settled - CMD sent photos | Triq GE Mercer/Pjazza Ninu Cremona | **Cleansing** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Hemm ħafna weraq u ħaxix | | | |
| 213 | 30/06/2023 | Talba biex jerġgħu jsiru l-barriers fil-liwja ta' Triq il-Wied għax għat 3 darba karozza skidjat ġo ħajt ta' residenza | Pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 214 | 30/06/2023 | Rapport ta' ilma bis-sapun ħdejn ir-roundabout (quddiem ex Vodafone) | Settled - called CPD spoke to 20 | Triq Dun Karm c/w Erin S. Inglott | **CPD** |
| 215 | 30/06/2023 | Ilment li E.S. Inglott qabel ma' ddur għal Triq Għargħur ilha ma' tidnaddaf. Hemm ħafna ħmieġ u ħaxix. | Pending - sent message to Cleansing | E.S. Inglott | **Cleansing** |
| 216 | 03/07/2023 | Ilment dwar ħmieġ fi Pjazza Ninu Cremona kif iddur minn mal-banka tal-Lottu. | Pending - sent message to Cleansing | Pjazza Ninu Cremona | **Cleansing** |
| 217 | 07/03/2023 | Is-sistema tad-drenaġġ mill-bankina 'l barra hija 'slow' kważi staġnata fi Triq Anton Buttigieg | Pending - sent to WSC | Triq Anton Buttigieg | **W.S.C** |
| 218 | 03/07/2023 | Daħal rapport li hemm ħafna ħaxix ħażin fi Triq Dun Karm c/w E. S. Inglott | Pending - sent message to Cleansing | Triq Dun Karm c/w Erin S. Inglott | **Cleansing** |
| 219 | 07/04/2023 | Rapport rigward ilma ħiereġ fi Triq S. Erardi | Called Water Services Report no 12748 | Triq S. Erardi c/w G. Curmi | **Water services** |
| 220 | 07/04/2023 | Ilment rigward cat feeder li qed iħalli laħam fit-triq konsegwenza li qed ikun hemm ħafna Hornets fl-area | Pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 221 | 07/04/2023 | Ilment rigward karrozzi li jidħlu b'sewqan eċċessiv minn Triq Naxxar għal Triq il-Ħwawar. Talba biex issir sleeping police fit-tarf tat-Triq. | Pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 222 | 07/06/2023 | Ilment rigward kuntratur fi Triq G. Curmi jagħlaq it-triq u jaħdem bla permess. | Settled | Triq G. Curmi | **Police** |
| 223 | 07/06/2023 | Ilment rigward skart mitfuħ barra mhux fil-ġurnata li suppost minn blokka flats fi Triq E. S. Inglott | Settled | Triq E. S. Inglott | **Council** |
| 224 | 07/06/2023 | Ilment rigward ħaxix fi Triq il-Prinjol u Triq fir-Razzett l-Aħmar | Pending | Triq il-Prinjol u Triq ir-Razzett L-Aħmar | **Cleansing** |
| 225 | 07/07/2023 | Karozzi tal-Y plate qed jipparkjaw fi Triq San Mikiel residantal area matul il-lejl u filgħodu jiġu jaqilbu l-karozzi tagħhom privati li mhumiex residenti waħda minnhom hi KBN854 | Talked to police PC22221 | Triq San Mikiel quddiem carwash | **Police** |
| 226 | 07/07/2023 | Ilment dwar skip li qegħda ġo drive-in imma mikxufa u trab itir u kulħadd jitfa boroż fiha taħt 27, Triq il-Mużika, talba biex il-kuntrattur jipprovdi għatu. | pending | 27, Triq il-Mużika | **Council- Talked to community police on 12/07/23** |
| 227 | 07/07/2023 | Ilment rigward organic waste mhux migbur | settled | 12, Triq il-Prinjol | **Waste collection** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 228 | 07/10/2023 | Ilment rigward ħaxix fi Triq G. Curmi ħdejn ex-Old key | Pending-msg sent | Triq G. Curmi | **Cleansing** |
| 229 | 07/10/2023 | Ilment rigward ħaxix fi Triq Triq il-Klin | Pending-msg sent | Triq il-Klin | **Cleansing** |
| 230 | 10/10/2023 | Ilment dwar litter bin li jrid jitbattal u ħmieġ mad-dawra | sent to cleansing | Sqaq in-Namur | **Cleansing** |
| 231 | 10/10/2023 | F'April saru xi xogħlijiet bi crane quddiem Med Music u l-outrigger tal-crane għamel ħofra fit-triq. Talba biex din tiġi rranġata għax jista' jweġġa xi ħadt. | pending | Triq Dun Karm c/w Triq G. Bonnici | **Council** |
| 232 | 07/10/2023 | Ilment rigward żibel mitfugħ taħt il-ħajt fi Triq L. Mizzi (min blokka flats fi triq) | Mail shot - 11/07/2023 | Triq L. Mizzi | **Council** |
| 233 | 07/11/2023 | Talba biex issir sleeping police Triq E. S. Inglott qabel il-kantuniera, fejn il-fetħa bil-bankijiet. | Pending | Triq E. S. Inglott | **Council** |
| 234 | 07/11/2023 | Ilment rigward karrozzi bil-Y plates jipparkjaw fit Triq May Butcher (LLY-204) hemm tlett karrozzi ibiddlu lil xulxin | Called Naxxar Police Station PC1468 | Triq May Butcher | **Police** |
| 235 | 07/11/2023 | Ilment rigward siġra li ħierġa min Villa fi Triq Dun Karm periklu għal residenti għax ikollhom jinżlu minn fuq il-bankina għal ġol-main road. | Pending | Triq Dun Karm | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 236 | 07/12/2023 | Leakage ta' ilma quddiem Kristina, Triq L-Awrikarja | sent email | Triq L-Awrikarja | **WSC** |
| 237 | 07/12/2023 | Ilment dwar karozza mitluqa fi Triq L-Awrikarja, Licenzja skaduta Mar2017 (CBW235) | Phoned PC362 | Triq L-Awrikarja | **Police** |
| 238 | 13/07/2023 | Talba biex isiru kaxxi fit-Triq Ġ Bonnici fejn tal-Music shop biex il-karozzi jipparkjaw b'mod ordnat. | Pending | Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 239 | 12/07/2023 | Talba biex M.C Bay issir Keep Clear quddiem no. 27 għaliex ir-residenta xtrat electric motor cycle u jinħtieġ li dan l-ispazju tkun vojta biex tiċċarġja l-mutur | Pending | Triq il-Muzika | **Council** |
| 240 | 07/12/2023 | Ilment dwar ħaxix fuq bankina fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **Cleansing** |

## 61.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

61.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

61.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

61.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia.

61.7.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi relatati mall-attività kulturali Festa Fjuri 2023 li ġiet organizzata nhar is-27 ta' Mejju.

61.7.5 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti u servizzi in konnessjoni mall-avveniment 'Kunċert live – A Tribute To Elvis Presley by Josuel' bħala parti mill-proġett Iklin Community Project li ġie mtella mill-Kunsill Lokali L-Iklin nhar it-22 ta' Lulju fi Triq San Mikiel.

## 61.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

61.8.1 Applikazzjoni PA 01344/23 – 9, Paradiso, Triq Ġwann Mamo L-Iklin – 'Sanctioning of maisonette as built (previously approved by PB6188/81).

61.8.2 Applikazzjoni PA 04248/23 – 8, Triq Ċensu Bugeja, L-Iklin. Demolition of existing property and construction of 3 basement garages, ground floor maisonette, first to third floor apartments and penthouses at set-back floor level. Total number of units 9.

61.8.3 Applikazzjoni PA 02937/23 – White Rose, 33 Triq Ċensu Bugeja, L-Iklin. To demolish existing building, excavate site and construct basement garages, four overlying floors with one apartment per floor and a penthouse at setback floor level.

61.8.4 Applikazzjoni PA 03764/23 – Triq Erin Serracino Inglott L-Iklin – To construct stables plus an underlying basement in a disused quarry including construction of ancillary facilities, construction of an underground reservoir, replacement of deteriorated rubble wall, installation of gates. Proposal also includes sanctioning of a pre-1978 agricultural store and demolition of an existing above-ground reservoir plus other additions and alterations.

61.8.5 Applikazzjoni PA 03490/23 – Hillside, Triq it-Timu, L-Iklin – To sanction existing dwelling as built.

61.8.6 Applikazzjoni PA 03709/23 – 51, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin.

To sanction internal alterations to approved Class 4B shop from approved PA9230/19 and proposed alterations to façade including addition of ac covered with louvres above approved shop sign.

**61.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITÀ IKLIN ROCKS THE NIGHT AWAY GĦALL-KOMUNITÀ 2023**

61.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex iwassal l-aħħar aġġornamenti dwar l-attività li l-preparamenti tagħha għaddejjin b'ritmu tajjeb ħafna.

61.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-fornituri huma kollha kkonfermati, saru l-arranġamenti neċessarji biex jinġieb Three phase għal supply temporanju tal-elettriku u silent generator f'każ ta' qtugħ fil-provvista tad-dawl.

Informa li hemm komunikazzjoni għaddejja mall-Korp tal-Pulizija, l-Aġenzija LESA u l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar l-immaniġġjar tat-traffiku u issues oħra li qed jiġu ndirizzati bl-assistenza tal-entitajiet imsemmija hawn fuq.

Kompla billi qal li ġie ppreparat Risk Assessment u qed jiġi studjat biex il-Kunsill jassigura s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post. Semma kif il-Korp tal-Pulizija ħareġ no objection għal din l-attività b'numru ta' kundizzjonijiet u fejn il-Kunsill se jkun qed jaderixxi ma' dawn il-kundizzjonijiet.

Saru wkoll l-arranġamenti biex jinġieb medical staff waqt l-avveniment biex nipprovdu First Aid f'każ ta' emerġenza.

Rigward ir-rispons għal dan il-kunċert live, jidher li hemm feedback tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kienet għaddejja pubbliċità tajba kemm fuq il-mezzi soċjali permezz tal-paġna ta' facebook, youtube channel, spots fuq ir-radju u saħansitra permezz ta' materjal stampat. Semma kif fil-jiem li għaddew saret distribuzzjoni ta' *flyer* fil-lokalitajiet ġirien. Semma kif il-Kunsill jista jilħaq udjenzi akbar permezz ta' intervisti fuq programmi tat-televiżjoni.

61.9.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jipprovdi siġġijiet għal dan l-avveniment peress li jista jagħti l-każ li parti mill-udjenza tista tkun waħda avvanzata fiż-żmien.

Wara diskussjoni b'interventi mill-preżenti, kien hemm qbil unanimu li dan it-tip ta' avveniment ma jitlobx li jkun *seated* jew *partly seated*.

61.9.4 Is-Sindku Dott. Sciberras u l-Kunsillier Bernice Farrugia ħadu l-inkarigu li jagħmlu l-kuntatti neċessarji biex jippromwovu dan l-avveniment fuq programmi televiżivi biex tingħata *exposure* aktar wiesgħa biex nattiraw primarjament lill-komunità tal-Iklin u l-pubbliku inġenerali.

## 61.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2023

61.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart ta' din is-sena minn Jannar sa Marzu.

61.10.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta r-rapport bl-aktar mod dettaljat fejn ta *overview* dwar l-immaniġġjar tal-finanzi u ppreżenta *Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position u Depreciation of Property, Plant and Equipment*.

61.10.3 L-Accountant spjega li d-deprezzament għall-ewwel tliet xhur tas-sena kien jammonta għal Eur9,409 filwaqt li l-Administration costs kienu jlaħħqu il-figura ta' Eur24,061 li parti sostanzjali ta' din in-nefqa kien attribwit għall-ispejjez dwar servizzi ta' perizja u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni dwar il-proġett għar-riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona. Proprju f'dan ix-xenarju, il-Financial Performance għall-ewwel tliet xhur tas-sena qed juri li hemm defiċit ta' Eur(12,732).

61.10.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

61.10.5 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-ewwel tliet xhur tas-sena.

61.10.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

**61.11 MOZZJONI DWAR IL-KUMMISSJONI TA' CHEMIST ANALYST BIEX ISIRU TESTIJIET TAL-KWALITÀ TAL-ARJA MINĦABBA L-ALLEGAT EMISSJONIJIET TOSSIĊI MINN IMPJANT TAL-ASPHALT LOKALIZZAT FL-IKLIN**

61.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-konċernament tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin.

Il-mozzjoni kienet intbagħtet minn qabel mal-agenda u reġgħet ġiet moqrija waqt is-seduta mis-Sindku għall-attenzjoni tal-preżenti.

61.11.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq din il-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni. Ġiet ukoll awtorizzata l-ispiża biex isir dan l-istudju xjentifiku.

61.11.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

**(Ara Dok. F)**

**61.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

61.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Awwissu 2023 fil-5.30 p.m.

61.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Awwissu 2023 fil-5.30 p.m.

61.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |